**Dispożittiv**

L-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni-Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni-Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, ikkunsidrat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva li minnhom tibbenefika persuna suġġetta għal mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet tal-proċeduri kriminali ma humiex issodisfatti meta kemm il-mandat ta' arrest Ewropew kif ukoll id-deċiżjoni ġudizzjarja li fuqha hija ibbażata huma maħruġa minn uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, li jista' jiġi kklassifikat bħala "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni-qafas, kif emendata bid-Deċiżjoni-Qafas 2009/299, mingħajr ma l-imsemmi mandat ta' arrest Ewropew jew l-imsemmija deċiżjoni ġudizzjarja jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru emittenti qabel il-konsenja tal-persuna mfittxija mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

(1) ĠU C 262, 10.8.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Lulju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Pécsi Törvényszék – l-Ungerija) – Tolnatext Bt. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága**

**(Kawża C-636/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kodiċi doganali tal-Unjoni – Artikolu 22(6) – Artikolu 29 – Dritt għal smigħ – Proċeduri mibdija ex officio – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Assenza ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-bżonn ta' risposta għad-domanda preliminari għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari)***

(2021/C 382/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Pécsi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Tolnatext Bt.

*Konvenut:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pécsi Törvényszék (il-Qorti ta' Pécs, l-Ungerija), permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2020, hija manifestament inammissibbli.

(1) ĠU C 62, 22.2.2021.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Frar 2021 – Deutsche Lufthansa AG vs AirHelp Germany GmbH**

**(Kawża C-95/21)**

(2021/C 382/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Deutsche Lufthansa AG

*Konvenut:* AirHelp Germany GmbH

Din il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta’ digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta’ Ġunju 2021.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fil-5 ta’ Marzu 2021 – Deutsche Lufthansa AG vs AirHelp Germany GmbH**

**(Kawża C-142/21)**

(2021/C 382/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Deutsche Lufthansa AG

*Konvenut:* AirHelp Germany GmbH

Din il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta’ digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Ġunju 2021.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fit-22 ta’ Marzu 2021 – Deutsche Lufthansa AG vs GE**

**(Kawża C-173/21)**

(2021/C 382/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Deutsche Lufthansa AG

*Konvenut:* GE

Din il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta’ digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta’ Ġunju 2021.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 4 de Castellón de la Plana (Spanja) fit-12 ta’ Mejju 2021 – Casilda vs Banco Cetelem SA**

**(Kawża C-302/21)**

(2021/C 382/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia nº 4 de Castellón de la Plana